

**Rikors ippreżentat fl-20 ta' Awwissu 2022 – Sberbank of Russia vs Il-Kummissjoni u SRB****(Kawża T-526/22)**

(2022/C 441/28)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

**Rikorrent:** Sberbank of Russia OAO (Moska, ir-Russja) (rappreżentanti: D. Rovetta, M. Campa, M. Pirovano, M. Moretto u V. Villante, avukati)

**Konvenuti:** Il-Kummissjoni Ewropea u l-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRB)

**Talbiet**

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni SRB/EES/2022/20 dwar l-adozzjoni ta' skema ta' riżoluzzjoni fir-rigward ta' Sberbank d.d., maħruġa mill-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni fl-1 ta' Marzu 2022, flimkien mar-Rapport ta' Valutazzjoni 1 maħruġ mill-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni fis-27 ta' Frar 2022 u r-Rapport ta' Valutazzjoni 2 maħruġ mill-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni fis-27 jew fit-28 ta' Frar 2022;
- tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/947 tal-1 ta' Marzu 2022, dwar l-approvazzjoni tal-iskema ta' riżoluzzjoni għal Sberbank banka d.d. <sup>(1)</sup>;
- tikkundanna lill-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni u lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż tal-proċeduri.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka tliet motivi.

1. L-ewwel motiv, ibbażat fuq l-allegazzjoni ta' ksur tar-rekwiżiti formali essenzjali.
2. It-tieni motiv, ibbażat fuq l-allegazzjoni ta' ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni, tal-Artikolu 296 TFUE u tal-Artikolu 41(2)(ċ) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u ksur tad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva u tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali.
3. It-tielet motiv, ibbażat fuq l-allegazzjoni ta' żball manifest ta' evalwazzjoni fl-evalwazzjoni globali tal-kundizzjonijiet relatati mal-iskema ta' riżoluzzjoni u ksur tal-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 806/2014 <sup>(2)</sup>, kif ukoll ksur tal-Artikolu 39 tad-Direttiva 2014/59/UE <sup>(3)</sup>, u ksur tad-dritt fundamentali għall-proprjetà u tal-libertà ta' intrapriża.

<sup>(1)</sup> ĠU 2022, L 164, p. 65.

<sup>(2)</sup> Regolament (UE) Nru 806/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2014 li jstabbilixxi regoli uniformi u proċedura uniformi għar-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u ċerti ditti tal-investment fil-qafas ta' Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni u Fond Uniku għar-Riżoluzzjoni u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 (ĠU 2014, L 225, p. 1).

<sup>(3)</sup> Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investment u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 82/891/KE u d-Direttivi 2001/24/KE, 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2005/56/KE, 2007/36/KE, 2011/35/KE, 2012/30/UE u 2013/36/UE, u r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 648/2012, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU 2014, L 173, p. 190).